

Brussell, 30 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15533/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0390(COD)

AGRI 686
AGRILEG 192
CODEC 1896

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 659 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 659 final.

Mehmuż: COM(2022) 659 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2022
COM(2022) 659 final

2022/0390 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-animali domestiċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-1 ta' Jannar 2022, ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007¹ sar applikabbli. Dan ġab bidla fir-rigward tal-ikel għall-annimali domestiċi. Qabel l-1 ta' Jannar 2022, l-ikel għall-annimali domestiċi, b'mod partikolari għall-qtates u l-klieb, seta' jiġi ttikkettat bħala organiku fejn mhux l-ingredjenti agrikoli kollha kienu organiċi minħabba li l-Istati Membri setgħu jistabbilixxu regoli nazzjonali jew, fin-nuqqas tagħhom, jaċċettaw jew jirrikonossu standards privati. Madankollu, mill-1 ta' Jannar 2022, l-ikel għall-annimali domestiċi ma jistax jibqa' jiġi ttikkettat bħala organiku minħabba li r-Regolament (UE) 2018/848, filwaqt li jkopri t-tikkettar tal-ġhalf għall-annimali tar-razzett bħall-ħuxlief u l-foraġġ insilat, ma jistabbilixxix regoli speċifiċi għat-tikkettar tal-ikel għall-annimali domestiċi.

Ir-Regolament (UE) 2018/848 japplika kemm għall-ġhalf għall-annimali li jipproduċu l-ikel kif ukoll għall-ġhalf għall-annimali domestiċi, jiġifieri l-ikel għall-annimali domestiċi. Skont dak ir-Regolament, filwaqt li ingredjenti mhux organiċi ta' oriġini agrikola huma awtorizzati fil-produzzjoni ta' ġhalf organiku, jekk l-ingredjenti agrikoli ma jkunux kollha organiċi, ma jistax jintuża terminu li jirreferi għall-produzzjoni organika fid-deskrizzjoni tal-bejgħ. Barra minn hekk, tali ġhalf ma jistax ikollu l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, il-konsumaturi aħħarin ma jkunux infurmati direttament dwar il-konformità tal-prodott mar-regoli tal-produzzjoni organika.

Minn banda, l-operaturi professjonisti jiġu infurmati dwar il-kompożizzjoni u l-proporzjon ta' komposti organiċi, fil-fażi ta' konverżjoni u mhux organiċi fl-ġhalf f'konformità mal-punt 2.1.2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/848. Mill-banda l-oħra, meta l-ġhalf jinbiegħ direttament fil-livell tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi finali, bħalissa ma hemm l-ebda regola dwar l-ġhotti ta' informazzjoni dwar il-komposti organiċi fl-ġhalf fejn l-ingredjenti agrikoli ma jkunux kollha organiċi. Barra minn hekk, it-tikketti tal-ikel u tal-ikel għall-annimali domestiċi huma maħsuba għall-istess klijenti: l-ikel għall-annimali domestiċi u l-ikel (inkluż l-ikel ippakkjat bil-lest) it-tnejn li huma jinbiegħu fil-livell tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi aħħarin.

F'dan l-isfond, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi ta' tikkettar għall-ikel tal-annimali domestiċi. Dawn ir-regoli se jippermettu li l-ikel għall-annimali domestiċi, b'mod partikolari għall-qtates u l-klieb, ikollu l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea se jkun obligatorju għall-ikel tal-annimali domestiċi ppakkjat bil-lest ittikkettat bħala organiku.

Il-proposta se tappoġġa s-settur żgħir, imma li qed jikber, tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi billi tippermetti lill-produtturi jużaw il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea meta jippromwovu l-prodotti tagħhom. Barra minn hekk, il-proposta se tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-agrikoltura organika permezz tal-possibbiltà li jinħoloq valur miżjud għall-prodotti sekondarji organiċi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tal-ikel għall-annimali domestiċi. Dan huwa f'konformità mal-Patt Ekoloġiku, mal-istrateġiji "Mill-

¹ ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

Għalqa sal-Platt” u għall-Bijodiversità, mal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika, u mal-mira biex 25 % tal-art agrikola tal-UE tintuża għall-biedja organika sal-2030.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Din il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (UE) 2018/848. Ir-regoli proposti dwar it-tikkettar għall-ikel organiku għall-annimali domestiċi jirriflettu r-regoli tat-tikkettar applikabbli għall-ikel, inkluż ir-rekwiżit obbligatorju tal-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea fuq il-pakkett tal-ikel ippakkjat bil-lest. Tabilħaqq, it-tikketti ta’ dawn il-prodotti huma maħsuba għall-istess klijenti: l-ikel għall-annimali domestiċi u l-ikel (inkluż l-ikel ippakkjat bil-lest) it-tnejn li huma jinbiegħu fil-livell tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi aħħarin.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għalf, li fih dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tikkettar tal-għalf għal annimali li ma jipproduċux l-ikel, bħalma huma l-annimali domestiċi.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont ir-Regolament (UE) 2018/848, l-Unjoni stabbiliet skema organika għall-Unjoni kollha u regoli armonizzati dwar il-produzzjoni organika, inklużi regoli dwar it-tikkettar ta’ prodotti organiċi. Għalhekk, l-adozzjoni ta’ regoli uniformi speċifiċi għat-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi ma tistax tinkiseb b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tipproponi regoli addizzjonali limitati u mmirati għall-qafas leġislativ attwali għat-tikkettar ta’ prodotti organiċi. Dawk ir-regoli ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv li jiġu stabbiliti regoli għat-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-regoli proposti dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi jeħtieġu l-applikabbiltà diretta tagħhom fl-Istati Membri. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-istrument xieraq għall-adozzjoni ta’ regoli speċifiċi għat-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi, filwaqt li jitqies li l-leġislażzjoni attwalment fis-seħħ tikkonsisti fir-Regolament (UE) 2018/848.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislażzjoni eżistenti**

MHUX APPLIKABBLI

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

MHUX APPLIKABBLI

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

MHUX APPLIKABBLI

- **Valutazzjoni tal-impatt**

MHUX APPLIKABBLI

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

MHUX APPLIKABBLI

- **Drittijiet fundamentali**

MHUX APPLIKABBLI

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

MHUX APPLIKABBLI

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

MHUX APPLIKABBLI

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

MHUX APPLIKABBLI

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tipproponi li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għat-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi. Biex l-ikel għall-annimali domestiċi jiġi ttikkettat bħala organiku u jkollu l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, mill-inqas 95 % f'termini ta' piż tal-ingredjenti agrikoli jrid ikun organiku. Meta jkun hemm inqas minn 95 % tal-ingredjenti agrikoli li jkunu organiċi, ir-referenza għal prodotti organiċi tista' tintuża biss fil-lista tal-ingredjenti fir-rigward ta' ingredjenti organiċi b'indikazzjoni tal-perċentwal totali ta' ingredjenti organiċi fi proporzjon mal-kwantità totali ta' ingredjenti agrikoli.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jistabbilixxi regoli dwar it-tikkettar tal-ġhalf u japplika kemm għall-ġhalf għall-annimali li jipproduċu l-ikel kif ukoll għall-ġhalf għall-annimali domestiċi, jiġifieri l-ikel għall-annimali domestiċi. Skont dak ir-Regolament, filwaqt li ingredjenti mhux organiċi ta' oriġini agrikola huma awtorizzati fil-produzzjoni ta' ġhalf organiku, jekk l-ingredjenti agrikoli ma jkunux kollha organiċi, ma jistax jintuża terminu li jirreferi għall-produzzjoni organika fid-deskrizzjoni tal-bejgħ, anke jekk sa punt baxx. Barra minn hekk, tali l-ġhalf ma jistax ikollu l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, il-konsumaturi aħħarin ma jkunux infurmati direttament dwar il-konformità tal-prodott mar-regoli tal-produzzjoni organika.
- (2) Operaturi professjonisti jiġu infurmati dwar il-kompożizzjoni u l-proporzjon ta' komposti organiċi fil-fażi ta' konverżjoni u mhux organiċi fl-ġhalf f'konformità mal-punt 2.1.2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/848. B'kuntrast ma' dan, meta l-ġhalf jinbiegħ direttament fil-livell tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi finali, bħalissa ma hemm l-ebda regola dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar il-komposti organiċi fl-ġhalf fejn l-ingredjenti agrikoli ma jkunux kollha organiċi. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-ikel tal-annimali domestiċi.
- (3) Qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848, u f'konformità mal-Artikolu 95(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008⁵, ċerti Stati

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni

Membri kienu stabbilew regoli nazzjonali jew standards privati rikonoxxuti li ppermettew l-użu ta' terminu li jirreferi għall-produzzjoni organika fid-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-ikel għall-annimali domestiċi meta mill-inqas 95 % tal-ingredjenti agrikoli tal-prodott skont il-piż kienu organiċi, li jirriflettu r-regoli għall-ikel organiku pproċessat.

- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-regoli dwar it-tikkettar għall-ikel organiku għall-annimali domestiċi fil-livell tal-Unjoni jirriflettu daww għall-ikel organiku, minħabba li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti jinbiegħu prinċipalment fil-livell tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi finali. L-informazzjoni dwar il-konformità mar-regoli tal-produzzjoni organika jenħtieġ li tingħata permezz tat-termini li jirreferu għall-produzzjoni organika fid-deskrizzjoni tal-bejgħ u permezz tal-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għarfien dwar il-konformità mar-regoli tal-produzzjoni organika, il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li jkun obligatorju għall-ikel għall-annimali domestiċi kollha ppakkjat bil-lest li jikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/848 u ma' dan ir-Regolament u prodott fl-Unjoni, kif inhu l-każ tal-ikel ippakkjat bil-lest skont il-punt (b) tal-Artikolu 32(1), tar-Regolament (UE) 2018/848.
- (5) Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ulterjuri tas-settur tal-ikel għall-annimali domestiċi, huwa xieraq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi, dwar l-użu ta' termini li jirreferu għall-produzzjoni organika fid-deskrizzjoni tal-bejgħ u fil-lista tal-ingredjenti, u dwar l-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea.
- (6) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni permezz tal-adozzjoni ta' regoli uniformi għat-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imsemmi f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu daww l-oġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar għall-ikel tal-annimali domestiċi prodott f'konformità mar-regoli dwar il-produzzjoni organika previsti fir-Regolament (UE) 2018/848.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

1. “ikel għall-annimali domestiċi” tfisser ikel kif definit fl-Artikolu 3(2), il-punt (f) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶;
2. “ikel għall-annimali domestiċi ppakkjat bil-lest” tfisser kull oġġett ta’ ikel għall-annimali domestiċi għall-preżentazzjoni bħala tali lill-konsumatur finali, inkluż il-pakkett li tpoġġa fih qabel ma tqiegħed għall-bejgħ, sew jekk dak il-pakkett jgħatti l-ikel kollu sew jekk parzjalment biss, iżda fi kwalunkwe każ b’tali mod li l-kontenut ma jistax jiġi mibdul mingħajr ma jinfetaħ jew jinbidel il-pakkett; ikel għall-annimali domestiċi ppakkjat bil-lest ma jkoprix ikel għall-annimali domestiċi ppakkjat fil-postijiet fejn jinbiegħ fuq talba tal-konsumatur finali jew ikel ippakkjat bil-lest għall-bejgħ dirett.

Artikolu 3

L-użu ta’ termini li jirreferu għall-produzzjoni organika fuq it-tikkettar tal-ikel għall-annimali domestiċi

1. Għall-ikel tal-annimali domestiċi, jistgħu jintużaw it-termini msemmija fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2018/848:
 - (a) fid-deskrizzjoni ta’ bejgħ u fil-lista ta’ ingredjenti, dment li:
 - (i) l-ikel għall-annimali domestiċi jkun konformi mar-regoli ta’ produzzjoni dettaljati li stipulati fil-Parti V tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 u mat-tekniki tal-ipproċessar stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 17(3) ta’ dak ir-Regolament; kif ukoll
 - (ii) tal-anqas 95 % tal-ingredjenti agrikoli tal-prodott skont il-piż ikunu organiċi;
 - (b) biss fil-lista ta’ ingredjenti, dment li:
 - (i) anqas minn 95 % tal-ingredjenti agrikoli tal-prodott skont il-piż ikunu organiċi, u dment li dawk l-ingredjenti jikkonformaw mar-regoli tal-produzzjoni li jinsabu fir-Regolament (UE) 2018/848;
 - (ii) fl-ipproċessar tal-ikel għall-annimali domestiċi jintużaw biss addittivi tal-għalf u għajnuniet għall-ipproċessar awtorizzati skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/848; kif ukoll
 - (iii) l-ikel għall-annimali domestiċi jkun konformi mar-regoli tal-produzzjoni dettaljati stipulati fil-punti 1.5, 2.1, 2.2 u 2.4 fil-Parti V tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 u mat-tekniki tal-ipproċessar stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 17(3) ta’ dak ir-Regolament.
2. Il-lista ta’ ingredjenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tindika liema ingredjenti huma organiċi. Ir-referenzi għall-produzzjoni organika jistgħu jidhru biss b’rabta mal-ingredjenti organiċi.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KEE u 96/25/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE (ir-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq ta’ għalf) (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1).

3. Il-lista ta' ingredjenti msemija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, għandha tinkludi indikazzjoni tal-perċentwal totali ta' ingredjenti organiċi bħala proporzjon tal-kwantità totali ta' ingredjenti agrikoli.
4. It-termini msemija fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 u l-indikazzjoni tal-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jidhru bl-istess kulur, daqs u stil ta' kitba identiċi bħall-indikazzjonijiet l-oħra fil-lista ta' ingredjenti msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 4

L-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea fuq it-tikkettar tal-ikel għall-annimali domestiċi

1. Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea msemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/848 jista' jintuża biss fit-tikkettar, fil-preżentazzjoni u fir-reklamar ta' ikel għall-annimali domestiċi li jikkonforma mal-kundizzjonijiet imsemija fl-Artikolu 3(1)(a).
2. Fil-każ ta' ikel għall-annimali domestiċi ppakkjat bil-lest li jkollu terminu msemmi fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea għandu jidher fuq il-pakkett.

Artikolu 5

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President